MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru 73/2009

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Saviour Xerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Saviour Xerri detentur ta’ karta ta’ identità numru 014061(M), akkuzat talli:

1. fl-4 ta’ Jannar, 2009 fil-Pieta’ ghall-habta tal-5:50p.m. bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe’ li jikkaguna ferita’ gravi fuq il-persuna ta’ Manuel Buhagiar, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta (sikkina/mus) lil

Manuel Buhagiar, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb ghall-istess Manuel Buhagiar u kkagunalu feriti hfief salv il-kumplikazzjonijiet fuq il-persuna tieghu skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri, M.D., billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina/mus) kif ukoll bil-ponn;

3. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi filwaqt li kien jaghmel delitt kontra l-persuna u cioe' ferriment fuq il-persuna ta' Manuel Buhagiar kellu fuq il-persuna u fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin u lok, zamm kif ukoll garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess cirkustanzi, data, hin u lok, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. fl-istess data,lok, hin u cirkustanzi hedded u ngurja bil-kliem lil Manuel Buhagiar.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Manuel Buhagiar ai termini ta' l-Artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw l-attentat ta' feriti gravi; l-feriti hfief, pussess ta' arma regulari u l-garr ta' strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja, ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, theddied u ingurji.

Mill-fatti jirrizulta li fid-data u hin riportati fl-akkuza l-Pulizija rceviet rapport minghand Emanuel Buhagiar li kien qalilhom li kien qala' daqqa ta' mus minn missier it-tfajla ossia l-akkuzat. Jirrizulta ukoll bhala fatt li l-akkuzat kien indispettit li l-kwerelant jiffrekwenta lill-bintu minuri minhabba li fl-istess zmien kien ikun fil-presenza ta' tfajliet ohra. Issa hu fatt mhux kontestat li minhabba f'hekk inqala' litigju bejniethom id-dar ta' l-akkuzat fejn hu fajjar daqqa ta' mus fuq rigel il-kwerelant.

Illi l-Qorti dwar l-entita' tal-feriti tosserva li kull ma hemm hu certifikat mediku (fil-maggior parti tieghu illegibbli) li jattesta ghal fatt li l-feriti huma hfief. Mill-provi prodotti hi l-fehma taghha li l-ewwel akkuza difficilment tirrizulta stante li l-fatti huma dawk li huma u ma tirrizultax pruvata ebda intenzjoni specifika sabiex treggi l-akkuza ta' attentat ta' ferita' gravi. B'daqstant allura li tippermoni l-akkuza hafifa.

Mill-bqija t-tielet akkuza ma tirrizultax stante li ma tirrizultax arma regulari, ir-raba mhiex sanzjonabbli fin-nuqqas ta' prova li l-mus ingarr barra fond u lanqas ma jirrizultaw, kif dedotti, l-offizi kontravenzjonali. Lanqas ma jirrizultaw, kif dedotti, l-offizi kontravenzjonali.

Rat ghalhekk l-Artikolu 221 tal-Kap 9. Tiddikjarah hati tat-tieni akkuza. Fic-cirkostanzi tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 383 tal-Kap 9 torbtu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' €2329 li ma kkelimx jew jimmolesta lill-kwerelant ghall-perjodu ta' tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------